MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2010

Numru. 373/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**
**KONTRA**

**CHARLOT CALLEJA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Charlot Calleja ta’ 27 sena, bin Manuel u Margaret nee’ Grima, mwieled Pieta’ nhar it- 30 ta’ Marzu 1982, residenti gewwa 19, Triq il- Ponta, Isla u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 192782(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) Nhar is- 16 ta' Jannar 2006, f' xhin bejn is-7.00am u l- 4.00pm, minn gewwa iz- Zona Industrijali ta' San Gwann, San Gwann, ikkommetta serq ta' oggetti minn gewwa vettura bin- numru tar- registrazzjoni JAU 942 tat- tip Seat, liema serq huwa aggravat bil- valur, liema valur jeccedi l- €232.94 izda mhux izjed minn €2329.37, bil-mezz u bix- xorta tal- haga misruqa u dan ghad- detriment ta' Patrick Cassar u/ jew persuna jew persuni ohra;

2) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u dan billi kkaguna hsarat fuq vettura bin- numru tar- registrazzjoni JAU 942 tat- tip Seat, liema hsarat jammontaw ghal anqas minn €1,164.69 izda aktar minn €116.47 u dan ghad- detriment ta' Patrick Cassar u/ jew persuna jew persuni ohra;

3) U aktar talli kiser il- provediment tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta billi ikkommetta serq li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il- perjodu ta' sentenza sospiza ghal erba' snin moghtija lilu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) fis- 7 ta' Ottubru 2004 kif ukoll kiser il- provediment tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilu mill- Qorti tal-Magistrati (Malta) fil- 5 ta' Mejju 2005;

4) U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni bikrija tal-imputat din il-qorti tista' tghaddi minnufih ghas-sentenza. Il-kaz kollu jirrisali ghal Jannar 2006, meta l-imputat kien ghaddej minn perijodu f'hajtu fejn kien qed isofri minn dipendenza fuq id-droga. Illum jirrisulta li dik il-problema qed tingheleb minnu, u ghalhekk il-Qorti ma tarax li ghandha taghti piena lit kisser l-isforzi kollha li hu ghamel f' dawn l-ahhar snin.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 271, 325, 49, 50, 289, u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tqieghedu taht Ordni ta' Probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 ghal tlett (3) snin.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------